# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**ILLUM L-1 TA' SETTEMBRU 2020**

**DIGRIET KAMERALI**

**Rik. Nru. 584/20 RGM**
Wara l-atti tal-ittra ufficjaoli
1956/20 tad-9 ta' Lulju 2020
fl-ismijiet:-

**Western Company Limited (C-19994)**

**Vs**

**Spiridione Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Spiridione Muscat tas-16 ta' Lulju 2020 li permezz tieghu ghar-ragunjiet hemm premessi talab illi kull talba ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali imsemmija fl-ittra ufficjali de quo tigi michuda;

Rat ir-risposta tas-socjeta' Western Company Limited tal-25 ta' Awissu 2020 li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm moghtija qed topponi l-imsemmi rikors;

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

Dawn il-proceduri istitwiti minn Spiridione Muscat huma msejsa fuq l-**Artikolu 253 tal-Kap. 12** li jipprovdi illi:

> "Huma titoli esekuttivi:
>
> - omissis -
>
> e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ:
>
> B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jewpromissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;..............."

Fir-rikors tieghu Spiridione Muscat qed jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjali de quo ghar-ragunijiet segwenti:

1. M'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' mittenti;
2. Il-kambjali "suppost" iffirmati minn Spiru Muscat (min-numru 1 san-numru 59 huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16;
3 Ghandhom jigu prodotti l-kambjali originali;
4. Hemm kawza pendenti nru 90/2018 istitwita minn Spiridione Muscat vs Western Company Limited fejn qed jintalab ir-rexxissjoni ta' kuntratt datat 10 ta' Ottubri 2016 u ghalhekk isostni li m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' mittenti;

Ikkonsidrat;

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija fis-27 ta' Jannar 2020 mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) (AE) fl-ismijiet "**Raymond Scerri - Christopher Caruana**" fejn inghatat interpretazzjoni approfondita u ezawrjenti tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 u tal-gurisprudenza relativa :-

"Hu floku li jsir aċċenn għad-differenza bejn kambjali ġirati lil terzi u kambjali li ma jkunux, ġialadarba l-appellant għamel riferenza għaliha. Kambjali ġirati lil terzi (a differenza ta' dawk li ma jkunux) jakkwistaw natura awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni sottostanti.

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **John Giordmaina et vs Joseph Pace** qalet: "…meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tiġix ġirata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Filfehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun ġirata li din takkwista valur "on

the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li joħroġ u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu magħruf, ma toħloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tiġi distakkata mill-obbligazzjoni originali... "

Hija ddistingwiet bejn il-"fażi kuntrattwali" – meta l-kambjala ma tkunx ġirata - u l-"fażi kambjarja" – meta l-kambjala tkun ġiet ġirata: "Fi kliem ieħor, jekk kambjala tkun ġirata mill-ewwel benefiċjarju (payee) li hekk isir ġiranti, favur terz pussessur, u dan it-terz pussessur jiftaħ azzjoni kambjarja kontra t-traent, it-traentkonvenut ma jistax jagħti kontra l-pussessur-attur eċċezzjonijiet li huma personali għall-ġiranti. Ir-raġuni hija ovvja: bejn it-traent u l-pussessur ma hemmx relazzjoni kuntrattwali, iżda biss relazzjoni kambjarja. Dan ifisser, contrario sensu, li eċċezzjonijiet personali għall-pussessur (u mhux personali għall-ġiranti biss) jistgħu jingħataw. Fi kliem ieħor, jekk il-kambjala ma tkunx ġirata (u għalhekk tkun għadha fil-fażi kuntrattwali u ma tkunx daħlet fil-fażi kambjarja) ittraent-konvenut jista' jagħti kontra l-benefiċjarju-attur eċċezzjonijiet personali għalih".

**L-Artikoli 197 u 198 tal-Kodiċi Kummerċjali (Kap 13)** fil-fatt jiddistingwu bejn leċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu f'azzjoni kambjarja meta l-kambjala tkun ġirata u meta ma tkunx hekk ġirata:-

197. L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-ġiranti ma jistgħux jingħataw kontra lpussessur ta' kambjala.

198. (1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja. (2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma.

Iżda wkoll jekk l-Artikolu 198 tal-Kap 13 jippermetti li f'azzjoni kambjarja jsiru eċċezzjonijiet ta' natura personali f'każijiet fejn il-kambjali ma jkunux ġew ġirati, tali eċċezzjonijiet huma limitati.

Il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża **Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe ,** b'riferenza għall-Artikolu 198 tal-Kap 13 irriteniet li huwa evidenti li l-leġislatur jrid li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u jiġu deċiżi b'ħeffa insolita u għalhekk huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li ma jinħtieġux eżami fit-tul: "Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkonsiderati u deċiżi flistess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas tal-import tal-kambjali jkun konsiderevolment ittardat u mtawwal. Dan mhux permess għax altrimenti jintilef l-iskop kollu tal-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."

Issa hekk kif l-eċċezzjonijiet li wieħed jista' jressaq fl-azzjoni kambjarja huma limitati, daqstant ieħor huma limitati r-raġunijiet li abbażi tagħhom wieħed jista' jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. Il-proċedura għas-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali taħt l-Artikolu 253(e) hija fil-fatt ferm rigoruża u applikabbli biss: (i) meta l-firma fuq il-kambjala ma tkunx verament tal-persuna li allegatament iffirmatha (li mhux il-każ), jew (ii) meta jkun hemm raġunijiet oħra gravi u validi li jiġġustifikaw tali sospenzjoni.

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 1637/12 datata 25 ta' Mejju, 2012, fl-ismijiet **Michael Attard Ltd vs Turista Ltd** osservat illi dawn ir-raġunijiet "gravi u validi" li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali ma jistgħux ikunu usa mir-raġunijiet kontemplati mill-liġi kummerċjali biex iżommu milli l-kambjala titħallas: "Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta'

xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din ilproċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun";

Fil-kawża **Daniel Zerafa pen vs 240 Contracting Ltd gia Allfix Ltd**, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ikkunsidrat x'jista jikkwalifika bħala raġunijiet "gravi u validi" biex titwaqqaf l-esekuzzjoni tal-kambjali taħt l-Artikolu 253(e): "…wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekuttivita` tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekutivita` tagħhom, fejn dan jitħalla jsir. It-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwistjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa bil-mod ordinarju għal dak il-għan. Għalhekk, per eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti. Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala, jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha."

Ukoll fir-rigward tar-raġunijiet "gravi u validi" li jsemmi l-Artikollu 253(e), il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi, fejn ir-raġuni li ngħatat kienet allegata użura, osservat: "Illi minn qari akkurat tal-imsemmi sezzjoni jidher ċar li hemm żewġ bażi għaliex l-eżekuzzjoni tal-kambjala tista' tiġi sospiża, u cioe` li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju tagħha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi għall-oppożizzjoni tależekuzzjoni. F'dak il-każ

il-persuna li tesiġi l-ħlas tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonalment għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le. Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni. Iżda min-naħa l-oħra l-leġislatur ma eliminax ir-riċerka li ssir f'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ, iżda l-Artikolu 253(e) u l-proviso tiegħu ġie reż bħala proċedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bażat naturalment fuq raġunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-liġi ma jinstab il-kliem prima facie iżda kien ikun bla sens li l-Qorti tidħol fid-dettalji kollha tal-proċeduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proċeduri ma ġewx eliminati mil-leġislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni ġusta tal-liġi tittieħed f'dan is-sens."

Fil-kawża Wara l-ittra uffiċjali numru 3570/2011 fl-ismijiet: **Adrian Warrington vs Josef Galdes** il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili irriteniet illi għall-finijiet ta' talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala, l-eżami għandu jkun wieħed prima facie billi r-rikorrent jkun qed jitlob biss l-opportunita' li jikkontesta azzjoni kambjarja eventwali: "Għalhekk il-Qorti trid tara jekk prima facie jeżistux raġunijiet, dejjem skond is-sub-artiklu msemmi mir-rikorrenti, biex il-Qorti tagħti ċans lir-rikorrenti li jikkontestaw din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-intimat huma tassew limitati. Kwindi l-Qorti trid appuntu tara jekk l-intimat hemmhekk ikollux opportunita' jressaq b'suċċess dawn l-eċċezzjonijiet."

Għall-qorti lanqas m'għandu jkun li fl-eventwalita' li kellha tiġi preżentata actio cambiaria, isir dak li suppost isir f'kawża ta' difetti latenti. Jekk jiġi permess li jingħataw eċċezzjonijiet ta' dik ix-xorta, għall-qorti jkun ifisser li l-azzjoni kambjarja tiġi żnaturata apparti li jkunu eċċezzjonijiet li ma

jistgħux jiġu determinati malajr. Il-qorti tfakkar li l-actio cambiaria min-natura tagħha hi ntiża li tkun deċiża mill-qorti fl-iqsar żmien possibbli."

Ikkunsidrat;

Applikata l-gurisprudenza appena citata ghall-kaz odjern il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Fir-risposta taghha s-socjeta' intimata teccepixxi illi r-rikors promotur huwa irritwali peress li r-rikorrent naqas milli jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv naxxenti mill-kambjali de quo. Fil-fehma tal-Qorti sew ir-referenza fir-rikors promotur ghall-artikolu 253 tal-Kap 12 kif ukoll it-talba sabiex il-Qorti twaqqaf l-ezegwibilita' tal-kambjali de quo tikwalifika bhala talba sabiex il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv relattiv. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Ir-rikorrent Spiridione Muscat ma hux qed jikkontesta li l-firem fuq il-kambjali in meritu huma tieghu. Huwa gie notifikat b'kopja tal-kambjali flimkien mal-ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju 2020 u ghalhekk kellu kull opportunita' jivverifika jekk hux minnu li l-kambjali li kopja taghhom giet ezebita mal-ittra ufficjali gewx minnu ffirmati jew le.

Ghalhekk l-ewwel raguni kontemplata fl-artikolu 253 (e) ma hiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Dwar jekk ir-ragunijiet l-ohra minnu moghtija in sostenn tat-talba tieghu biex iwaqqaf l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv naxxenti mill-kambjali jikwalifikawx bhala ragunijiet gravi u validi, ir-rikorrent iressaq bhala l-ewwel raguni illi l-kambjali min-numru 1 sa numru 59 huma preskritti ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16. Il-kambjala numru 1 kienet pagabbli fil-31 ta' Awissu 2010 filwaqt li kambjala numru 59 kienet pagabbli fit-30 ta' Gunju 2015. L-ittra ufficjali giet ipprezetata kif rajna fid-9 ta' Lulju 2020 u notifikata fil-15 ta' Lulju 2020.

Tenut kont illi fi proceduri bhal dawk odjerni l-ezami li l-Qorti ghandha taghmel huwa dak fuq livell ta' prima facie, l-Qorti mhiex ser tiddelibera jekk il-preskrizzjoni applikabbli ghall-kambjala hiex dik kontemplata mill-artikolu tal-ligi iccitat mir-rikorrent jew inkella hiex stabbilita permezz ta' artikolu iehor tal-ligi. Hija gurisprudenza kostanti li kambjala hija preskritta jekk mill-jum li ssir pagabbli jiddekorru hames snin minghajr ma l-kreditur tal-kambjala jiehu passi legali. Il-Qorti lanqas ser tiddelibera u tiddeciedi jekk effettivament il-59 kambjala imsemmija humiex preskritti. Tali decizzjoni trid tinghata fl-actio cambiaria jekk u meta tigi istitwita. Huwa bizzejjed ghall-finijiet tal-procedura odjerna jekk ir-rikorrent li qed jikkontesta l-ezegwibilita' tat-titolu ezekuttiv pretiz mill-intimat jipprovax ghas-sodisfazjon tal-Qorti illi prima facie ghandu dritt iressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-kambjali.

Rilevanti wkoll illi ai termini tal-**Artikolu 258 (c) tal-Kap 12,** "...f'każ li jkunu għaddew ħames snin mid-data illi fiha tkun tista' tiġi eżegwita kambjala, 'l-eżekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.'[1]

Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi fir-rigward tal-kambjali enumerati min-numru 1 san-numru 59 ir-rikorrent irnexxielu juri illi hemm ragunijiet gravi u validi sabiex tintlaqa' it-talba tieghu u ser tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni taghhom sabiex eventwalment tigi istitwita l-azzjoni kambjarja.

Mhux l-istess pero' fir-rigward tal-kumplament tal-kambjali. Il-fatt li r-rikorrent istitwixxa proceduri gudizzjarji fis-sena 2018 sabiex jannulla l-kuntratt li wassal ghall-iffirmar tal-kambjali de quo huwa prova cara illi l-mertu ma hux tali li jista' jigi trattat u deciz malajr. L-istitut tal-kambjala huwa intiz primarjament sabiex jiffacilita' l-hlasijiet tal-krediti u fl-istess hin jevita safejn possibbli illi l-hlas tal-import tal-kambjala jigi ostakolat bi

[1] Ara "George Spiteri vs Marsaxlokk Football Club et." (rik 1081/15LM) - PA - 27.03.2018

proceduri gudizzjarji twal rigwardani l-mertu tal-*underlying contract*. Kien ghalhekk illi l-Legislatur stabbilixxa illi l-Qorti m'ghandiex twaqqaf l-ezekuzzjoni tal-kambjala jekk mhux ghal ragunijiet gravi u validi. Il-Qorti ma tqisx illi l-kawza gia' pendenti bejn il-partijiet tikwalifika bhala raguni gravi u valida kif kontemplata fil-ligi. Altrimenti jekk ma l-intavolar ta' kawza rigwardanti l-mertu tal-kuntratt originali il-kambjala tispicca milli tkun ezegwibbli, ikun qed jigi mminat mill-qiegh l-istitut tal-kambjala.

Fl-ahharnett issir referenza ghall-objezzjoni tas-socjeta' intimata li tipprezenta fl-atti l-original tal-kambjali li taghhom qed tesigi l-ezekuzzjoni. Is-socjeta' intimata fir-risposta taghha iddikjarat illi l-original tal-kambjali qeghdin ghandha u li ghalhekk ma hemmx htiega li tipprezenta l-original taghhom u ticcita sentenza f'azzjoni kambjarja fejn gew accettati fotokopji awtentikati u mhux l-original tal-kambjali.

Fl-ewwel lok jigi osservat illi mill-atti ma jirrizultax illi l-fotokopji prezentati mal-ittra ufficjali huma awtentikati. Fit-tieni lok din il-Qorti hi tal-fehma illi una volta l-Qorti ser tippermetti l-ezekuzzjoni tal-kambjali min-numru 60 san-numru 72, huwa necessarju, anzi impellenti li l-original tal-kambjali jigu pprezentati fir-registru anke ghaliex kambjala tista' tigi ggirata bil-konsegwenza illi l-possessur ikun legittimament jista' jipprocedi kontra r-rikorrent ghall-hlas tal-import taghha. Ghalhekk qabel mas-socjeta' intimata tghaddi sabiex tezegwixxi l-kambjali min-numru 60 san-numru 72 hija ghandha tipprezenta fir-registru l-original ta' dawn il-kambjali.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi bil-mod segwenti,

1. Tilqa' in parte r-rikors ta' Spiridione Muscat tas-16 ta' Lulju 2020 u tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali fuq imsemmija min-numru 1 san-numru 59 ; b'dan illi jekk is-socjeta' intimata trid tesigi l-hlas tal-import tal-imsemmija 59 kambjala hija ghandha tipprocedi b'kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc;

2. Tichad in parte r-rikors ta' Spiridione Muscat tas-16 ta' Lulju 2020 fir-rigward tal-kumplament tal-kambjali mertu tal-ittra ufficjali numru 1956/2020 b'dan illi qabel ma s-socjeta' intimata tipprocedi b'atti ezekutivi dwar dawk il-kambjali hija ghandha tipprezenta fir-registru b'nota guramentata l-original tal-kambjali min-numru 60 san-numru 72.

Bl-ispejjez in kwantu ghal kwint (1/5) a karigu ta' Spiridione Muscat u in kwantu ghal erba' kwinti (4/5) a karigu tas-socjeta' Western Company Limited.

**Moghti kameralment llum l-1 ta' Settembru 2020.**

**Robert G. Mangion**
**Imhallef**